MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

## (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 16/2003

Maltacom **plc u b'digriet tal-5 ta' Diċembru 2007,**

**il-ġudizzju ġie trasfuż fl-isem GO plc minn Maltacom plc**

**vs**

**Gabriele Thomas Sipe iilum mejta, hekk kif rappreżentata**

**mill-Kuratur nomine Dr. Jean Paul Grech**

**Illum il-Ġimgħa, 1 ta' Novembru 2013**

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenuta tgħid għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata quddiem din il-Qorti tħallas is-somma ta' s-somma ta' elfejn disa' mija u disa' liri Maltin u ħmistax-il ċenteżmu (Lm2909.15) dovuti in kwatu għall-ammont ta' elfejn ħames mija u sitta u għoxrin lira Maltin u tnejn u erbgħin ċenteżmu (Lm2526.42) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21563912 (C/N 307586) u in kwantu għall-ammont ta' tlett mija u tnejn u tmenin lira Maltin u tlieta u sebgħin ċenteżmu ((Lm382,73) in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numr 21561093 (C/N 305377), liema żewġ servizzi ġew installati fil-fond 'Eagle's Nest' Triq il-Ponta, Żebbuġ, Għawdex, skond kif jidher mill-kopji tas-*service agreement* hawn annessi u mmarkati bħala dokument 'A' u 'B'.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-preżenti, ta' l-ittra ufficjali mibgħuta fit-8 ta' Awwissu 2002 u fis-26 ta' Novembru 2002, ittra interpellatorja mibgħuta fis-6 ta' Ottubru 1999, tal-VAT fuq drittijiet professjonali u bl-imgħaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi mal-istess avviż.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-istess konvenuta Gabrielle Thomas Sipe li permezz tagħha eċċepiet :

1. Illi l-eċċipjenti mhix debitriċi lejn is-soċjeta' attriċi fl-ammont minnha pretiż;
2. Illi fi kwalunkwe każ l-ammont pretiż mis-soċjeta' attriċi huwa eżaġerat u eċċessiv;
3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat il-provi prodotti waqt is-smiegħ tal-kawża;

Rat il-verbali tax-xhieda tal-istess soċjeta’ attriċi.

Il-Qorti,

Billi jidhrilha illi t-talba attriċi hija ġustifikata, tilqa’ l-istess talba u tikkundanna lill-konvenuta jew aħjar il-wirt ġjaċenti tal-istess konvenuta mejta sabiex iħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ndikata fl-avviż u ċioe s-somma ta elfejn disa’ mija u disa’ liri Maltin u ħmistax-il ċenteżmu (Lm2909.15) ekwivalenti llum għal sitt elef seba’ mija u sitta u sebgħin ewro u ħamsin ċenteżmu (€6776.50ċ), bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċċjali tat-tmienja (8) ta’ Awwissu tal-2002 u tas-sitta u għoxrin (26) ta’ Novembru tal-2002, l-ittra nterpellatorja mibgħuta fis-sitta (6) ta’ Ottubru tas-sena 1999, il-VAT u l-imgħaxijiet relattivi mid-data ta’ dan l-avviż sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-wirt ġjaċenti tal-istess Gabrielle Thomsa Sipe.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------